MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 140/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Melvyn Camilleri)
Vs
Tania Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-granet ta’ bejn it-3 u l-5 t’April, 2008 kellha fil-pussess taghha raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 7 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja li naqset li thares xi htiega ta’ l-ordni ta’ sanzjoni fil-komunita’ tat-18 ta’ Frar, 2009 moghtija fil-konfront taghha minn din l-istess Qorti, u ghazlet li tittratta maghha ghar-reat li tieghu instabet hatja fit-18 ta’ Frar, 2009 ai termini ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu

101 tal-Ligijiet ta’ Malta w filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta’ htija kkundannatha xahrejn prigunerija. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin li jassigura li sa kemm tkun qed tiskonta l-piena nflitta permezz ta’ din is-sentenza Tania Attard ma jkollha l-ebda kuntatt, dirett u/jew indirett ma’ missierha.
Il-Qorti, in konkluzzjoni, filwaqt li ordnat li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Ministru tal-Gustizzja, lill-Ministru ghall-Politika Socjali u lill-Kummissarju tat-Tfal, awgurat li minn issa min hu fdat bil-kura w kustodja ta’ Tania Attard jassigura li wara li hija tiskonta l-piena nflitta fuqha permezz ta’ din is-sentenza jipprovdiha b’post adattat fejn tghix u li jkollha l-ghajnuna kollha li ghandha bzonn biex teghleb il-problemi li ghandha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja li naqset li thares xi htiega ta’ l-ordni ta’ sanzjoni fil-komunita` tat-18 ta’ Frar, 2009 u thassar dik il-parti fejn ghazlet li titratta maghha ghar-reat li tieghu nstabet hatja fit-18 ta’ Frar, 2009 u kkundannatha xahrejn prigunerija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-
Li s-sentenza mposta mill-Qorti tal-Minorenni kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi partikolari ta’ l-appellanti u tal-kaz u timmerita l-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti.

Illi l-qofol tal-kwistjoni kollha w li abbazi taghha l-appellanti nstabet hatja ta’ ksur ta’ l-Ordni ta’ probation imposta fuqha huwa l-fatt li l-appellanti harbet diversi drabi mir-residenza li l-awtoritajiet afdati bil-kura w il-kustodja taghha pprovdewlha w konsegwentement ma kienx possibbli ghall-ufficjal inkarigat tal-probation li taghmel kuntatt regolari maghha w tibda tahdem maghha sabiex

jigu mwettqa dawk il-kondizzjonijiet imposta fuq l-appellanti mill-Qorti tal-Minorenni, inkluz li tibda program ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Illi huwa car li l-imgieba ta' l-appellanti huwa frott l-esperjenzi passati negattivi li nfluwenzaw l-personalita' taghha w l-ghazliet li hija taghmel f'hajjitha. F'dan l-isfond l-appellanti tehtieg ambjent strutturat u sikur fejn tkun tista' tigi kkontrollata l-imgieba taghha w fejn tinghata direzzjoni minn professjonisti dwar kif tista' teghleb id-diffikultajiet taghha. Kien in-nuqqas ta' dan l-ambjent sikur li wassal biex is-sitwazzjoni ta' l-appellanti tiddeterjora w biex hija kompliet tabbuza mid-droga.

Illi huwa umilment sottomess li n-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet ta' l-Ordni ta' probation ma kienx imputabbli biss lill-appellanti u fic-cirkostanzi hija ghandha tibbenefika minn kull opportunita` sabiex tinghatalha dik l-ghajnuna li tehtieg sabiex taffaccja l-problemi taghha w zzomm boghod mit-triq tal-kriminalita`.

Illi piena karcerarja mhijiex ser tilhaq dan l-iskop, aktar u aktar issa li l-appellanti bidet program residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, w ghalhekk ikun aktar opportun u ta' benefizzju ghall-appellanta li jigi estiz il-perjodu ta' probation sabiex tkompli tahdem fuq il-problemi taghha bl-ghajnuna tal-professjonisti li qeghdin isegwuha.

Ikkunsidrat.

Dana huwa appell mill-piena peress illi l-appellanta tghid illi llum tinsab rijabilitata mill-vizzju li kellha u ghalhekk ghandha tinghata l-opportunita sabiex tkompli ssegwi dan il-progress, fil-fatt id-difiza argumentat illi kienu problemi socjali serji illi wasslu ghal problema tossici dipendenza ta' l-appellanta, madankollu llum mhijiex l-istess persuna u hemm xaqq ta' dawl illi jimmerita li jkun isfruttat. Illum l-appellanta qieghda toqghod man-nanna taghha u tattendi d-Detox Centre u hija nadifa u ghalhekk ghandha tinghata l-opportunita sabiex tigi sfruttata din il-"window of opportunity" illi l-appellanta tfaccalha.

Din il-Qorti ma kienetx aversa ghal dan l-argument u fil-fatt iddiferiet din il-kawza diversi drabi sabiex issegwi l-progress o meno ta' l-appellanta u anke kkommissjonat studju minn nahha tal-Probation Services sabiex ikollha aktar informazzjoni dwar l-istat ta' l-appellanta. Minn dan l-istudju u minn dak illi xhedu l-Probation Officers jidher illi l-appellanta ghadha mhijiex deciza mija fil-mija (100%) liema triq behsiebha tiehu, filwaqt li rizultanzi tat-testijiet jidhru illi huma "clean", mhijiex l-ewwel darba li rrizultaw posittiv ghal xi droga. Chantelle Avellino fir-rapport taghha datat hdax (11) ta' April, 2012 hija daqsxejn kawta ghal dak li jirrigwardja l-appellanta meta tghid illi huwa evidenti illi jekk Tania Attard ma taghmilx sforz sabiex izzomm kuntatt mal-professjonisti kollha sabiex hija tinghata l-ghajnuna necessarja u zzomm il-boghod mid-droga ma tkunx tista tahdem fuq ir-riabilitazzjoni taghha u tkun konformi mal-probation illi hija nghatat. Dan il-"caveat" gieghel lill-Qorti illi tistenna ftit iehor u tara x'ser jigri, fil-fatt fl-ahhar seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju, 2012 regghet xehdet il-Probation Officer Chantalle Avellino fejn infurmat lill-Qorti li min zewg (2) appuntamenti, l-appellanta ma attendietx ghall-appuntament tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2012 u ma tatx ragunijiet ghaliex ghamlet dan, irrifjutat illi tissottometti ruhha ghal urine test u kkonkludiet illi kellu jkun hemm sforz akbar minn nahha ta' l-appellanta. M'hijiex l-ewwel darba illi dina wriet attitudni negattiva lejn il-professjonisti illi riedu jghinuha.

Ovjament b'rapporti bhal dawn din il-Qorti ma tistax tifhem x'tip ta' motivazzjoni ghandha l-appellanta, jidher illi qieghda tikkopera biss ghax ghandha din is-Sentenza u, forsi b'daqsxejn koperazzjoni, tista tehlisha hafif. Din il-Qorti pero' ma tistax tipresta ruhha ghall-abbuz bhal dan, veru illi mhijiex l-ewwel darba illi meta tara xaqqa ta' dawl taghti l-opportunitajiet kollha necessarja sabiex dak li jkun jirrabilita ruhu u jigb ruhu tajjeb bhala cittadin normali tas-socjeta li jghix fiha. F'dan il-kaz pero' minkejja illi din l-opportunita nghatat ghal aktar minn darba l-appellanta donnha ghadha ma fehmintx ir-responsabiltajiet taghha u b'abbuz ghal sistema tidher illi qieghda tilghab ghaz-zmien peress li ghadha mhijiex deciza x'tip ta' hajja trid

tghaddi fil-futur. F'sitwazzjoni bhal din din il-Qorti jidrilha li ma ghandix tittituba aktar u bhall-ewwel Qorti tiddeciedi illi ghandha tghaddi zmien il-habs sabiex forsi tirrealizza din it-tip ta' hajja fejn sejjer twassalha. Din il-Qorti wkoll timmanifesta l-preokkupazzjoni taghha ghall-eta' tenera ta' l-appellanta, pero' minkejja dan, fejn rabtet idejn il-Qorti illi tara illi m'ghandiex triq ohra hlief illi tikkonferma l-ewwel Sentenza bl-istess twissijiet lid-Direttur tal-Facilita Korrevttiva ta' Kordin u lill-Ministru tal-Gustizzja u lil Ministru tal-Politika Socjali u l-Kummissarju tat-Tfal.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------